MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 112/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Andrew Farrugia**
**Elizabeth Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Andrew Farrugia u Elizabeth Farrugia talli fil-kwalita` taghhom ta' diretturi u/jew rapprezentanti guridici tas-socjeta Far-Fetched Media limited (C23558), b'indirizz registrat 4, Vincenza Flats, Triq is-Sorijiet Frangiskani, San Gwann, Malta u/jew bhala l-persuni li kienu nkarigati mill-istess socjeta` sabiex ihallsu l-pagi dovuti, naqsu li jhallsu pagi dovuti ghall-perijodu bejn l-1 ta' Lulju 2008 u l-31 t'Awwissu, 2008 ammontanti ghal €1,419.09, naqsu li jhallsu pagi dovuti ghall-perijodu bejn is-16 ta' Marzu 2009

u l-31 ta' Mejju 2009 ammontanti ghal €1817.75 naqsu li jhallsu n-notice dovut ammontanti ghal €330.50, naqsu li jhallsu sahra dovuta ghall-perijodu bejn l-1 ta' Dicembru 2008 u t-30 ta' April 2009 ammontanti ghal €184.27, naqsu li jhallsu *vacation leave* dovuti ghall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2009 u l-31 ta' Mejju 2009 ammontanti ghal €244.70, naqsu li jhallsu parti mill-*weekly allowance* dovut ghall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2008 u t-30 ta' Settembru 2008 ammontanti ghal €37.29, naqsu li jhallsu l-*weekly allowance* dovut ghall-perijodu bejn l-1 ta' Ottubru 2008 u l-31 ta' Marzu 2009 ammontanti ghal €121.13, naqsu li jhallsu l-*weekly allowance* dovut ghall-perijodu bejn l-1 ta' April 2009 u l-31 ta' Mejju 2009 ammontanti ghal €39.61, naqsu li jhallsu parti mill-*bonus* statutorju ghall-perijodu bejn l-1 ta' Lulju 2008 u l-31 ta' Dicembru 2008 ammontanti ghal €45.00 u naqsu li jhallsu l-*bonus* statutorju ghall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2009 u l-31 ta' Mejju 2009 ammontanti ghal €110.00 li b'kollox jammontaw ghal erbat elef tliet mija u hamsin euro u erbgha u tletin centezmu (€4,350.34) li kienu dovuti lill-ex impjegata tas-socjeta` hawn fuq imsemmija u cioe` lil Charmaine Xuereb fil-31 ta' Mejju, 2009 meta l-impjieg taghha gie terminat.

Il-Qorti giet mitluba tordna lill-imsemmijin Andrew Farrugia u Elizabeth Farrugia, ai termini ta' l-artikolu 45(2) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta, li jhallsu lill-imsemmija Charmaine Xuereb l-ammont ta' erbat elef tliet mija u hamsin euro u erbgha u tletin centezmu (€4,350.34) ghar-ragunijiet specifikati;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Frar 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 5, 22, 23, 36, 45 u 46 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti 8(1) ta' l-Avviz Legali 247 ta' l-2003 kif emendat bl-Avviz Legali 427 ta' l-2007, sabet lill-imsemmijin Andrew Farrugia u Elizabeth Farrugia hatja ta' l-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom u, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, illiberathom bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor sa zmien sitt xhur mid-data tas-sentenza appellata u ordnat li sa zmien xahar mid-

data tas-sena appellata jhallsu s-somma ta’ erbat elef tliet mija u hamsin euro u erbgha u tletin centezmu (€4350.34) lil Charmaine Xuereb;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Andrew Farrugia u Elizabeth Farrugia pprezentat fit-12 ta’ Marzu 2010 li permezz tieghu talbu li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberahom minn kull htija, u, alternattivament, tirriforma, tvarja u tibdel is-sentenza appellata billi tikkonferma is-sejbien ta’ htija li l-appellanti naqqsu milli jhallsu l-pagi dovuti b’dan illi l-ammonti li ghandhom ihallsu l-appellanti jigu riveduti b’mod ekwu u gust ghal ammont li jista’ jkun dovut fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz ;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellanti huma fil-qosor is-segwenti: (1) huma jinsabu fi stat ta’ impossibilita` ta’ adempjenza ta’ l-obbligi minnhom assunti minhabba l-operat ta’ terzi. Huma twaqqfu forzozament mill-attivita` taghhom u r-rimedji gudizzjarji li talbu ghadhom pendenti. Huma ppruvaw ipoggu ruhhom f’sitwazzjoni li jezimu r-responsabbilta` taghhom billi l-appellant Andrew Farrugia issa jinsab impjegat barra minn Malta u qieghed jikkontribwixxi finanzjarjament lill-familja tieghu u sabiex isostni l-ispejjez tal-proceduri gudizzjarji; (2) ma ngabet ebda prova ta’ nuqqas ta’ hlasijiet ta’ bonus, ecc., u nstabu hatja fuq semplici parola ta’ rapprezentant tad-Dipartiment u meta jidher bic-car li l-konteggi saru hazin. B’hekk gie impost l-obbligu ta’ hlasijiet esagerati ta’ pagi li mhumiex dovuti. Ghalhekk ghandu jigi ndagat jekk hemmx provi sal-grad rikjest mil-ligi kif ukoll jekk l-ammonti allegatament dovuti humiex l-ammonti indikati fis-sentenza appellata; (3) bla pregudizzju u subordinatament ghall-premess, id-Dipartimene ma qabilx ma tliet xhur *training* bla hlas (aniz kien miftiehem li jhallsu l-istess impjegati futuri), u qed jinsisti li kellu jsir hlas mill-appellanti waqt dan it-tahrig.

Mela jekk kien hemm kondizzjoni ta' impjieg mhux legalment sostenibbli, din il-Qorti ma tistax tiddeciedi fuq dan il-mertu u ghandha tieddeciedi l-ewwel il-Qorti kompetenti ; (4) bla pregudizzju u subordinatament ghall-premess, fejn id-Dipartiment ma qabilx ma' tliet xhur *training* bla hlas, l-istess Dipartiment applika r-rata ta' paga zbaljata u mhux dik applikabbli llum skond il-ligi ; ghalhekk il-konteggi huma zbaljati wkoll f'dan il-kuntest ; (5) bla pregudizzju u subordinatament ghall-premess, l-ewwel Qorti naqset milli taghti apprezzament gust u meritevoli ghal-lanjanzi ta' l-appellanti, u naqset milli tizen sew id-diffikultajiet imposti fuqhom minn terzi b'mod li ma kienx hemm zmien adegwat biex jippreparaw id-difiza taghhom. Ghalkemm l-ewwel Qorti kkoncediet differiment sabiex jitqabbad avukat, dan ma kienx possibbli minhabba l-istat finanzjarju ta' l-appellanti u lanqas ma kienx possibbli minhabba l-bzonn li l-appellant isiefer sabiex jahdem.

Kwantu ghall-ewwel lanjanza ta' l-appellanti, hemm il-foro kompetenti biex jiddeciedi. Difatti huma stess jghidu illi hemm proceduri pendenti. Kwantu mbaghad ghall-ahhar ilment, l-appellanti kienu debitament assistiti quddiem din il-Qorti u nghataw il-hin u opportunita` kollha biex jiddefendu ruhhom. Ghalhekk din il-Qorti se tghaddi mill-ewwel ghall-aggravji l-ohra li bazikament jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi.

Il-fatti fil-qosor huma dawn. L-appellanti kienu ottjenew licenzja sabiex jiggestixxu stazzjon tat-televizjoni, il-Family Channel. Impjegaw diversi nies sabiex imexxu din l-attivita`. Minhabba problemi finanzjarji, dan l-istazzjon kellu jittermina l-operat tieghu u l-fond, makkinarju u kull haga *a limine intus* inqabdet minn terzi.

Charmaine Xuereb kienet wahda mill-impjegati. Kienet tahdem bhala *sales representative* u ghamlet xi zmien *receptionist*. Is-somma ndikata bhala dovuta ghal paga bejn l-1 ta' Lulju 2008 u l-31 ta' Awissu 2008 huwa ghall-perijodu inizjali ta' *training* li dwaru l-appellanti jsostnu illi ma kellu jsir l-ebda hlas ta' paga. Andrw Farrugia anzi jghid illi suppost it-*training* kellu jkun ghal tliet xhur izda

minhabba li raw li kienet lahqet l-i*standard* mixtieq, nizlu l-perijodu ghal tmien gimghat.

Gie sottomess mid-difiza illi kwalunkwe ammont li jista' jkun dovut ghal dan il-perijodu huwa preskritt.

Issa, l-artikolu 47 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi hekk dwar il-limitazzjoni ta' l-azzjoni:

**"(1) Procedimenti ghal reat skond dan l-Att jew skond xi regolamenti jew ordnijiet maghmulin tahtu jistghu jinbdew f'kull zmien fi zmien sena mill-ghemil tar-reat.**

**(2) Fejn ir-reat jirreferi ghan-nuqqas mill-principal li jhallas il-paga lil impjegat jew in-nuqqas li jaghti vaganzi bi hlas kif mehtieg b'dan l-Att jew kif specifikat b'xi ordni ta' *standard* nazzjonali jew b'ordni biex jirregola settur, ir-reat jitqies li hu reat kontinwat jekk il-principal jkun naqas li jhallas il-pagi dovuti lill-impjegat regolarment matul il-perjodu ta' preskrizzjoni."**

Peress illi c-citazzjoni tidher li giet notifikata fid-29 ta' Lulju 2009, allura entro l-perijodu preskrittiv, l-azzjoni fir-rigward is-somma ndikata mhijiex preskritta.

L-appellanti jsostnu illi din is-somma mhijiex dovuta peress illi kien gie miftiehem li l-perijodu inizjali jkun ta' *training* u ma tithallasx paga.

L-artikolu 42 tal-Kap. 452 tal-Ligijet ta' Malta jipprovdi:

**"Jekk mhux f'kaz kif provdut xort'ohra b'dan l-Att, jekk kuntratt ta' servizz bejn impjegat u l-principal tieghu jew ftehim kollettiv bejn il-principal u r-rapprezentanti maghrufin ta' l-*union*, jipprovdi ghal xi kondizzjoni ta' impieg, inkluzi kondizzjonijiet dwar it-temm ta' dak il-kuntratt, li jkunu anqas favorevoli ghall-impjegat minn dawk specifikati fi jew taht l-Att, dawn ghandu jkollhom effett daqslikieku minflok dawk il-kundizzjonijiet li huma anqas favorevoli ghall-**

**impjegat kien hemm imdahhla l-kondizzjonijiet specifikati fi jew taht dan l-Att."**

Issa, l-Avviz Legali 247/2003 jiddefinixxi "hin tax-xoghol" bhala **"kull perijodu li tulu l-haddiem ikun accessibbli biex jaghti servizz lill-principal u li fih ikun qed jaqdi l-attivitajiet jew dmirijiet tieghu, u <u>jinkludi kull perijodu ta' tahrig rilevanti</u> u kull perijodu addizzjonali iehor li ghandu jkun ittrattat bhala hin tax-xoghol ghall-finijet ta' dawn ir-regolamenti taht kull ftehim rilevanti u 'xoghol' ghandha tkun imfissra b'dan il-mod"** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Barra minn hekk l-iskop kollu ta' perijodu ta' *probation* hu sabiex il-principal ikun jista' jaghmel l-*assessment* mehtieg ta' l-impjegat biex jekk ma jsibux *up to scratch* ikun jista' jtemmlu l-impieg sahansitra minghajr ma jaghti ebda raguni.

Ghalhekk Charmaine Xuereb kellha d-dritt tippercepixxi paga stante li matul il-perijodu in kwistjoni hadmet b'mod regolari, liema paga, pero`, fic-cirkostanzi partikolari ta' l-ingagg taghha, sejra tigi kkalkulata a bazi tal-*minimum wage*. Il-paga relattiva ghall-perijodu in kwistjoni (tmien gimghat u sitt ijiem bir-rata ta' €142.39 fil-gimgha) hi ghalhekk ekwivalenti ghal €1261.17.

Ghalhekk kienet dovuta lil Charmaine Xuereb il-paga relattiva ghall-perijodu msemmi li matulu jirrizulta li hadmet b'mod regolari.

Dwar il-paga ghall-perijodu mis-16 ta' Marzu 2009 sa l-1 ta' Gunju 2009, jirrizulta li ghax-xahar ta' Marzu Charmaine Xuereb thallset il-paga kollha dovuta. Ghalhekk l-ammont dovut ghax-xhur ta' April u Mejju 2009 huwa ta' €1432.16.

Dwar in-*notice* l-appellant jghid li l-impjegati kienu kollha *on probation* ghal sena stante n-natura teknika tax-xoghol. Kuntratt ta' impjieg pero` ma kienx hemm. Issa, skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 36 tal-kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta:

**“Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (16), l-ewwel sitt xhur ta’ kull impieg taht kuntratt ta’ servizz ikun impieg bi prova, sakemm zmien iqsar ta’ impieg bi prova ma jigix miftiehem bejn iz-zewg partijiet:**

**Izda fil-kaz ta’ kuntratt ta’ servizz, jew ta’ ftehim kollettiv, dwar impjegati li jkollhom karigi teknici, ezekuttivi, amministrattivi jew ta’ direzzjoni u li l-pagi taghhom ikunu ghallinqas id-doppju tal-paga minima stabbilita f’dik is-sena, dak iz-zmien ta’ prova jkun ta’ sena sakemm ma jigix specifikat mod iehor fil-kuntratt ta’ servizz jew fil-ftehim kollettiv.”**

Il-paga ta’ Charmaine Xuereb ma kinitx **“**ghallinqas id-doppju tal-paga minima**”,** anzi kienet hafna inqas minn hekk. Difatti l-paga minima ghas-sena 2008 kienet €142.39 filwaqt illi dik ghas-sena 2009 keinet €146.47. Inoltre la kien hemm kuntratt ta’ servizz u lanqas ftehim kollettiv. Ghalhekk il-perijodu ta’ *probation* kien ta’ sitt xhur u Charmaine Xuereb kienet diga` ilha aktar minn sitt xhur tahdem mas-socjeta` Far-Fetched Media Ltd. Jigifieri n-*notice* kien dovut. B’hekk hija dovuta s-somma ta’ €330.50 ghall-perijodu mit-2 ta’ Gunju 2009 sal-15 ta’ Gunju 2009.

L-appellanti qed jikkontestaw ukoll il-hlas tas-sahra u l-*vacation leave*. Huma jikkontendu li t-*time sheets* esebiti mhumiex dawk li kienu jimlew l-impjegati. Elizabeth Farrugia tghid illi hija kienet tippreparhom biex jimtlew mill-impjegati u l-format tal-formoli li kienet tipprepara hi kien differenti minn dak li jirrizulta mit-*time sheets* esebiti. Charmaine Xuereb xehdet illi meta timtela l-karta tax-xahar (it-*time sheet*) tiehu fotokopja kull xahar. Daniela Camilleri (ara appell fl-istess ismijiet numru 110/10) kienet tahdem bhala *personal assistant* u xehdet illi t-*time sheets* gieli kienet taghmilhom hi u gieli l-appellanti Elizabeth Farrugia. Hija giet murija t-*time sheets* f’dan il-kaz, ikkonfermat li huma ta’ Charmaine Xuereb u anke ndikat fejn kitbet isem Charmaine Xuereb hi stess. Ghalhekk din il-Qorti qed tikkunsidra dawn it-*time sheets* bhala awtentici.

Issa, kwantu ghas-sahra l-appellant Andrew Farrugia jghid illi l-impjegati ma kinux jithallsu sahra ghax kienu jahdmu bix-xift u jaghmlu t-tmien sieghat taghhom. Jekk joqoghdu aktar, l-ghada jidhlu aktar tard. Galadarba din il-Qorti qed taccetta t-*time sheets* bhala awtentici, m'hemmx dubju li l-ammont rikjest ghas-sahra huwa dovut.

Kwantu ghall-*vacation leave*, anke jekk l-impjegat ma hax *vacation leave* ghax ma kellux bzonn fil-perijodu in kwistjoni, xorta huwa intitolat li jithallas ghal dak il-*leave* mhux mehud galadarba l-kuntratt ta' servizz intemm. Skond il-prospett esebit minn Paul Costa a fol. 71, is-somma dovuta hi ta' €242.64 u mhux €244.70 kif indikat fic-citazzjoni.

Kwantu ghall-ammonti l-ohra konsistenti f'*weekly allowances* u *bonus* statutorju, u li ma jirrizultax illi thallsu, dawn huma ghalhekk ukoll kollha dovuti.

Konsegwentement is-somma totali dovuta mill-appellanti lil Charmaine Xuereb hi ta' €3,804.77.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu ordnat li l-appellanti jhallsu lil Charmaine Xuereb fi zmien xahar mid-data tas-sentenza appellata s-somma ta' €4,350.34 u minflok tordna li jhallsu lil Charmaine Xuereb is-somma ta' €3,804.77 sa zmien tliet xhur millum u tikkonfermaha fil-bqija, b'dan illi l-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------